MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 57/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Godfrey Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Godfrey Ellul talli fl-24 ta' Marzu 2002 u matul l-ahhar granet qabel din id-data:

(1) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li

jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

(2) sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Awla 8) mogħtija fit-23 ta' Frar 1999;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, kif ukoll ir-regolament 9 tal-G.N. 292/1939 u l-artikoli 22(1)(a), 22(b)(i)(ii) tal-Kap. 101, sabet lill-imsemmi Godfrey Ellul hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' sentejn u ghall-hlas ta' multa ta' €1000, liema multa tista' tithallas b'rati ta' €100 fix-xahar l-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat mid-data tas-sentenza appellata. L-ewwel Qorti ordnat ukoll li jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut f'daqqa, u jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux. Fl-ahharnett ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Godfrey Ellul ipprezentat fil-25 ta' Frar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu hati tal-imputazzjoni tal-pussess, u tirrevokaha dwar l-aggravanti li tali pussess ma kienx ghall-uzu personali tieghu, u tikkonfermaha dwar ir-recidiva u konsegwentement tirriformaha dwar il-piena u fi kwalunkwe kaz, billi minflok il-piena nflitta taghti wahda li aktar taghmel ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma kellhiex issibu hati li l-pussess tal-kokaina ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; (2) li l-piena kienet eccessiva.

Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2009, pero`, l-appellant qajjem l-eccezzjoni ta' *res judicata* peress illi sostna li l-akkuza odjerna li tirreferi ghall-24 ta' Marzu 2002 u l-granet ta' qabel hija kompriza fl-akkuza dwar traffikar u pussess ta' kokaina deciza mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Ottubru 2007 (u eventwalment ikkonfermata minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fit-2 ta' Settembru 2010) fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul**. Ghalhekk din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta din il-kwistjoni.

Issa, fil-proceduri li rrefera ghalihom l-appellant, huwa gie misjub hati, *inter alia*, li fil-perijodu ta' bejn Dicembru 2001 u s-16 ta' Lulju 2002 (1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, (2) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. M'hemm l-ebda dubju ghalhekk li l-akkuza odjerna tirreferi ghal fatti li graw entro l-imsemmi perijodu.

Issa, l-artikolu 527 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi: **"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra."** L-appellant jidher li jipprova jinterpreta "l-istess fatt" bhala "l-istess generu ta' reat kommess fl-istess perijodu ta'zmien". Mill-gurisprudenza citata mill-appellant, pero`, huwa ovvju illi dan mhuwiex il-kaz. Minn dik il-gurisprudenza fil-fatt jidher li l-Qrati sabu "l-istess fatt" meta l-azzjonijiet kollha kellhom tassew x'jaqsmu ma' l-istess fatt. Hekk, fil-każ Rex v. Rosaria Portelli (23 ta' Frar 1904, Vol. XIX.iv.1) l-imputata kienet waddbet *dish* tal-fuħħar lejn Riccarda Borg. Id-*dish* tal-fuħhar laqat lil Riccarda Borg f'wiċċha li rriżulta f'offiża ħafifa. Iżda

framment laqat għajn John Borg li kien għaddej għall-affari tiegħu. Dan spiċċa jsofri offiża ta' natura gravi.

Il-Professur Mamo fin-Noti dwar il-Proċedura Kriminali jgħid hekk:

**"But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be placed on the very same fact. (Criminal Appeal: 'Il-Pulizija vs Piscopo' 21 ta' Marzu 1953). The mere circumstance that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events (v. Cr.App. 'Pol vs Saliba 28/2/1953 and Pol vs Cassar 9/1/1954; cf also Cr.App Police vs Attard' 17/6/1950)."**[1]

Issa, ghalkemm il-perijodu msemmi fl-akkuza odjerna jidhol fil-perijodu msemmi fis-sentenza l-ohra deciza definittivament fit-2 ta' Settembru 2010, u ghalkemm fiz-zewg kawzi l-appellant gie akkuzat bl-hekk imsejjah "pussess aggravat", ezami taz-zewg kawzi juri li "l-fatti" huma ghal kollox differenti u r-rizultat ta' investigazzjonijiet differenti, jigifieri huma fatti **"materially distinguishable as separate events"**. Kwindi l-eccezzjoni ta' l-appellant hi michuda, salv dak li ser jinghad fil-konsiderazzjonijiet dwar il-piena.

Issa, dwar l-ewwel aggravju, l-appellant jghid li hu bl-ebda mod ma kkontesta li l-pussess kien tieghu izda kkontesta c-cirkostanzi li l-Pulizija dehrilha li kellha tressaq bhala prova li dan ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-appellant jghid illi mill-fedina penali tieghu jirrizulta illi ilu zmien twil vittma tad-droga kokaina. Xehed u tella' x-xhieda dwar kif sparpalja l-gid kollu li wiret minghand missieru fuq il-kokaina li hija l-aktar wahda ghalja fis-suq. Spjega kif kien jixtriha minghand wiehed li jgibhielu d-dar u biex ma jigix mqarraq kien jizinha. Kull ma kellu anqas

[1] Professur Anthony Mamo: **Notes on Criminal Procedure**, pagna 45.

minn hames grammi. Instabu *straws* bi tracci ta’ kokaina li juru li l-konsum tad-droga kien qiegehd isir fir-residenza tieghu stess. Il-Pulizija qalet illi kien hemm qratas imqattghin; izda fuqhom ma nstabitx droga. Skond l-appellant kien ikun hemm rilevanza kieku dik id-droga kienet fi qratas u harget barra mill-post ghax tkun qed tinhareg fuqu ghal xi skop; il-fatt li kollox instab fid-dar tieghu jindika iktar il-konsum personali. L-appellant jghid li l-element li d-droga nstabet f’cirkostanzi li ma kinux ghall-uzu esklussiv tieghu huwa element li jrid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni u mhux hu jrid ikun konvincenti biex inehhi dan l-element. Jghid li l-ewwel Qorti qalet li l-appellant ma kienx attendibbli dwar il-pussess ghaliex ma kienx attendibbli fuq dik li hi ghajnuna lill-Pulizija li qal li ta, allura kif seta’ jitwemmen fuq il-verzjoni tieghu li kienet ghall-pussess tieghu. L-appellant isostni li dan l-argument huwa zbaljat ghax il-kwistjoni ta’ l-ghajnuna kienet tirrigwarda l-applikabilita` o meno ta’ l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u mhux ghall-element kostituttiv ta’ l-imputazzjoni ta’ pussess mhux ghall-uzu personali.

Issa, fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Marius Magri** deciz fit-12 ta’ Mejju 2005 gie ritenut:

**“Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f’dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f’dan ir-rigward tista’, skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed . (Ara App. Krim. “Il-Pulizija v. Carmel Degiorgio” [26.8.1998]) . Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista’ tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : “Il-Pulizija v. Carmel Spiteri” [2.9.1999].)**

Imbaghad fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Caruana** deciz fit-23 ta' Mejju 2002 intqal:

**"… kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi . Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli."**

Is-sentenza appellata hi motivata u fiha l-ewwel Qorti ndikat il-fatturi kollha li wassluha tikkonkludi li l-kokaina misjuba ma kinitx ghall-uzu esklussiv ta' l-appellant. Dawn huma numru ta' fatturi mehudin flimkien: il-mizien, l-ammont, il-purita`, il-qratas u l-mod kif xehed l-appellant fuq il-pedana tax-xhieda (dan l-ahhar fattur huwa certament fattur validu in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-appellant kellu vizzju tad-droga kokaina. Il-fedina penali tieghu, almenu *prima facie*, titkellem wahedha. Izda dan johrog ukoll mis-*social inquiry report* li thejja u gie pprezentat fil-proceduri ga` msemmija, u cioe` **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul**. M'ghandhiex ghalfejn lanqas ma temminx li berbaq gidu fuq il-kokaina. Huwa minnu wkoll li nstabu l-mezzi ta' kif tintuza l-kokaina – il-flixkun li l-appellant rema fil-*building site* adjacenti u l-*istraws*. Din il-Qorti taqbel ukoll ma' l-appellant li l-kwistjoni ta' l-ghajnuna kienet tirrigwarda l-applikabilita` o meno ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u mhux ghall-element kostituttiv ta' l-imputazzjoni ta' pussess mhux ghall-uzu personali. Nonostante cio`, mehudin il-fatturi kollha msemmija mill-ewwel Qorti flimkien, hija setghet tikkonkludi li l-kokaina li nstabet ma kinitx ghall-uzu esklussiv ta' l-appellant.

Difatti mhux biss l-ammont li nstab ma kienx xi wiehed irizorju – kwazi hames grammi – izda l-kokaina li nstabet kienet ta' purita` li l-appellant stess jghid li kienet gholja (60%). Din setghet ghalhekk tigi "kkattjata". Imbaghad il-fatt li nstab ukoll *magazine* li minnu kienu qeghdin isiru l-qratas huwa forsi l-aqwa ndikatur f'dan il-kaz li d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv ta' l-appellant. Kieku kienet ghall-uzu esklussiv tieghu, ma kienx ikun hemm ghalfejn ihejji l-qratas. Fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li l-qratas "huma ta' wiehed. Pero` ma nixtieqx nghid min hu." Ghalkemm xehed darbtejn quddiem l-ewwel Qorti, fl-ebda waqt ma rrefera ghall-qratas u ghalhekk l-allegat "wiehed" baqa' biss xi hadd fantomatiku.

Ghalhekk fuq il-fatti li rrizultawlha l-ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni li l-kokaina li nstabet fil-pussess ta' l-appellant instabet f'cirkostanzi li jindikaw li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu kif mahsub fl-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kwantu ghall-piena, l-appellant jghid illi din hija gravuza specjalment wara li ghadda daz-zmien kollu u tenut kont ta' l-eta` ta' l-appellant. Issa, filwaqt illi dawn il-fatturi mhumiex fatturi li jistghu jwasslu lil din il-Qorti tikkunsidra xi tnaqqis fil-piena, hemm fattur iehor li huwa ta' rilevanza. Dawn il-proceduri ttiehdu separatament mill-proceduri li dwarhom gie processat quddiem il-Qorti Kriminali u li tterminaw bis-sentenza msemmija ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha tat-2 ta' Settembru 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul**. Kieku gew abbinati, l-appellant kien jibbenefika mill-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti diversament presjeduta (per l-Onor. Imhallef Vincent De Gaetano) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciza fit-3 ta' Novembru 1995 (Vol. LXXIX.v.1678) kienet qalet:

**"… din il-Qorti ma tistax tordna li t-tliet processi jew it-tliet sentenzi diga` moghtija jigu inkorporati fi**

**process wiehed jew f'sentenza wahda – ebda disposizzjoni tal-ligi ma tawtorizzaha li jsir dan. L-uniku rimedju li tipprospetta l-ligi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti ta' Prim'Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu ttrattati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi."**

U hekk sejra taghmel din il-Qorti, tenut kont ukoll tal-fatt li l-appellant f'dawn il-proceduri nstab li hu recidiv. Issa fil-kawza fuq imsemmija l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta'  tmintax-il (18) sena prigunerija u ghall-multa ta' tmintax-il elf liri Maltin (Lm18,000). F'din il-kawza gie kkundannat sentejn prigunerija u multa ta' elf euro. Ghalhekk ser ikun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant sentejn prigunerija u minflok tikkundannah hmistax-il xahar prigunerija u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, u b'dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------